**KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 23 ta' Jannar 2014 (27.01)**
**(OR. en)**

**5581/14**

**COPEN 18**
**EUROJUST 13**
**EJN 11**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Matija VIDMAR, Direttur Ġenerali, Ministeru tal-Ġustizzja tas-Slovenja |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Suġġett: | Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta’ Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali<br>- Dikjarazzjoni |

Skont l-Artikolu 13(2) tad-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri huma obbligati jibgħatu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom taħt id-Deċiżjoni Qafas.

Konsegwentement ir-Repubblika tas-Slovenja f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali b'dan tinnotifika l-istituzzjonijiet kompetenti tal-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni – traspożizzjoni tal-istrument imsemmi hawn fuq. Għandek issib mehmużin id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Kooperazzjoni Internazzjonali f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea adottat mill-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tas-Slovenja fit-23 ta' Mejju 2013, li jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Settembru 2013 (ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, nru. 48/2013 tal-4 ta' Ġunju 2013, minn issa 'l quddiem ZSKZDČEU -1).

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta’ Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali, ir-Repubblika tas-Slovenja tagħmel l-istqarrijiet u d-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

***1. Indikazzjoni tal-awtorità Ċentrali - Artikolu 3(1)***

Il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tas-Slovenja huwa l-awtorità ċentrali tar-Repubblika tas-Slovenja għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni qafas.

Dettalji ta' kuntatt:

**Ministry of Justice of the Republic of Slovenia**
The Directorate for Justice Administration
Sector for Execution of Penal Sanctions
Department for criminal records and records on correctional measures
Župančičeva 3
SI - 1000 Ljubljana
Tel: (+386) 1 369 52 00 or (+386) 1 369 54 85
Fax: + 386 1 369 56 25
e-mail: gp.mp@gov.si

***2. Reġim lingwistiku - Artikolu 10***

Ir-Repubblika tas-Slovenja tiddikjara li ser taċċetta wkoll formoli tradotti fil-lingwa Ingliża.